A.L. 168 ta' l-2008

ATT TA' L-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA
(ATT NRU. V TA' L-2003)

Ordni ta' l-2008 dwar l-Unjoni Ewropea
(Emenda fl-Att dwar il-Lotteriji u Logħob ieħor)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar l-Unjoni Ewropea (Emenda tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor).

(2) L-għan ta' dan l-Ordni huwa li jsiru l-emendi neċessarji fl-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali") sabiex jiġi in linja mat-Trattat.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3**.** (1) Logħba li toriġina minn Malta jew li tiġi offruta minn Malta jew li tinvolvi transazzjoni li tiġi konkluża f'Malta, li ma tkunx logħba awtorizzata, jew li ma tkunx awtorizzata sabiex tiġi operata taħt xi liġi f'Malta li ma jkunx dan l-Att u regolamenti li jsiru 'l quddiem taħt l-istess Att, jew li ma tkunx awtorizzata taħt xi liġi ta' xi stat membru ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' xi stat membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' xi ġurisdizzjoni oħra jew territorju ieħor approvati mill-Awtorità, hija pprojbita milli tintlagħab minn xi persuna f'Malta.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) japplikaw ukoll għal kull logħba offruta direttament jew indirettament minn barra l-pajjiż jew minn ġo Malta lil persuni f'Malta permezz ta' xi mezz ta' komunikazzjoni fil-bogħod.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. Kull logħba li ma tkunx logħba awtorizzata, jew li ma tkunx awtorizzata sabiex tiġi operata taħt xi liġi f'Malta li ma jkunx dan l-Att u regolamenti li jsiru 'l quddiem taħt l-istess Att, jew li ma tkunx awtorizzata sabiex tiġi operata taħt xi liġi ta' xi stat membru ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' xi stat membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' xi ġurisdizzjoni oħra jew territorju ieħor approvati mill-Awtorità, jew li ma tkunx logħba li tkun operata mid-detentur ta' permess mogħti taħt regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 78(3) skond dak il-permess, tkun projbita milli tiġi operata, promossa jew mibjugħa minn xi persuna f'Malta.

Iżda l-Awtorità tista timponi dawk il-ħtiġijiet u kundizzjonijiet proporzjonati, li jkunu konformi mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja, li tqis neċessarji sabiex taqdi l-funzjonijet tagħha taħt dan l-Att, jew kif il-Ministru jista jordna lill-Awtorità bis-saħħa tal-Artikolu 12, dwar logħob awtorizzat taħt xi liġi ta' xi stat membru ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' xi stat membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' xi ġurisdizzjoni oħra jew territorju ieħor approvat mill-Awtorità.

Iżda wkoll tali ħtiġijiet u kundizzjonjiet għandhom ikunu kompatibbli mal-obbligazzjonijiet internazzjonali".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"7. (1) Ħadd ma għandu jqiegħed fis-suq, jimmanifattura, jagħmel manutenzjoni, jew jipprovdi xi apparat rilevanti għal-logħob, jew xi parti jew partijiet minnu, jekk kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorità jew kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenza dwar dak l-apparat rilevanti għal-logħob skond regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.".

(2) Applikazzjoni għal liċenza biex tqiegħed fis-suq, timmanifattura, tagħmel manutenzjoni jew tipprovdi apparat rilevanti għal-logħob, jew xi parti jew partijiet minnu, għandha ssir f'dik il-forma u b'dak il-mod meħtieġ mill-Awtorità jew kif ikunu preskritti b'regolamenti, u fl-għoti ta' tali liċenzja l-Awtorità tista' tassoġġettaha għal dawk il-kondizzjonijiet hekk kif tista' tqis li jkun adatt jew li jista' jiġi preskritt b'regolamenti. L-Awtorità tista' tordna t-tħassir jew is-sospensjoni ta' kull tali liċenza f'dawk iċ-ċirkostanzi li jista' jiġi preskritt b'regolamenti jew f'dik il-liċenza nnifisha.

(3) Persuna li tqiegħed fis-suq, timmanifattura, tagħmel manutenzjoni jew tforni, jew b'xi mod li jkun tgħin jew tħajjar l-importazzjoni, il-manifattura, il-manutenzjoni jew il-forniment ta' xi apparat rilevanti għal-logħob bi ksur tas-subartikolu (1), tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att."

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 11, subartikolu (g), tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

(g) li tirregola permezz ta' liċenzja t-tqegħid fis-suq, il-manifattura, il-provvista u l-manutenzjoni ta' apparat rilevanti għal-logħbiet, u li jiżgura li dawn ikunu siguri u sodisfaċenti għall-użu li jkunu maħsuba għalih;

Emenda ta' l-artikolu 78 tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 78, subartikolu (2)(ċ), tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

(ċ) jirregola t-tqegħid fis-suq, il-manifattura, il-provvista u l-manutenzjoni ta' apparat rilevanti għal-logħbiet u l-użu, l-operat, il-kontroll u s-superviżjoni ta' apparat għal-logħbiet u dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma' apparat għal-logħbiet;

7. L-artikolu 78, subartikolu (5), tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

(5) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jagħmel regolamenti biex jirregola t-tqegħid fis-suq, il-manifattura, il-provvista, il-manutenzjoni, l-użu, l-operazzjoni, il-kontroll u s-superviżjoni ta', u affarijiet oħra li jirrigwardaw, il-makni għal-logħob tad-divertiment jew kategoriji speċifikati ta' makni għal-logħob tad-divertiment jew makni għal-logħob tad-divertiment speċifikati u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan is-subartikolu, huwa jista' b'dawk ir-regolamenti –

(a) jipprovdi li dawk il-makni għal-logħob tad-divertiment jistgħu biss jiġu mqegħda fis-suq, manifatturati, provvisti, issirilhom manutenzjoni u, jew jiġu operati minn persuna li jkollha liċenzja għaldaqshekk maħruga mill-Awtorità u kif suġġetta għal dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti f'tali liċenzja mill-Awtorità;

(b) jirregola ż-żmien, il-ħruġ, is-sospensjoni u t-tħassir tad-drittijiet, dazju, taxxi u, jew kull ammont ieħor li għandu jinġabar taħt, u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma', xi

liċenzja msemmija fil-paragrafu (a): iżda dawk ir-regolamenti jistgħu jagħtu s-setgħa lill-Awtorità li tippreskrivi kull ħaġa jew xi ħaga minn dawk li hemm hi nnifisha fil-liċenzja;

(ċ) jipprovdi li dawk il-makni għal-logħob tad-divertiment u, jew it-tqegħid fis-suq, il-manifattura, il-provvista, il-manutenzjoni, l-użu u, jew l-operazzjoni tagħhom tkun, jew isir, taħt is-supervizjoni ta' l-Awtorità u ta' l-ispetturi;

(d) jipprovdi dwar id-drittijiet, dazju, taxxi u, jew ammonti oħra li għandhom jinġabru dwar it-tqegħid fis-suq, il-manifattura, il-provvista, il-manutenzjoni, l-użu u, jew l-operazzjoni ta' dawk il-makni għal-logħob tad-divertiment;

(e) jirregola l-bejgħ, xiri, tqegħid fis-suq, provvista u, jew manifattura ta' *tokens* ta' makni għal-logħob tad-divertiment;

(f) jippreskrivi l-ogħla u, jew l-inqas prezz li għandu jitħallas biex tintlagħab logħba tad-divertiment;

(g) jippreskrivi t-tip ta' postijiet fejn tali makni għal-logħob tad-divertiment ikunu jistgħu jinżammu, jiġu operati jew użati u kull ħaġa oħra li jkollha x'taqsam ma' dawk il-postijiet u l-ogħla u, jew l-inqas għadd ta' makni għal-logħob tad-divertiment li jistgħu jinżammu, ikunu operati jew użati f'kull tali post; u

(h) jagħmel kull provvediment ieħor li jkun jiżgura li l-makni għal-logħob tad-divertiment ikunu operati minn persuni idonei u li jinżamm kont kif dovut ta' l-attivitajiet ta' dawk il-persuni għar-rigward ta' l-operazzjoni ta' makni għal-logħob tad-divertiment u li logħbiet tad-divertiment jintlagħbu b'mod ġust.